KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
www.iklin.lc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**ID-DISA' KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 68 – IT-TLIETA 6 TA' FRAR 2024**

Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Three Villages, nru. 11 Trejqet ir-Rumanzieri.

| **PREŻENTI:** | Dott. Dorian Sciberras | Sindku |
|---|---|---|
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sna Bernice Farrugia | Kunsillier |
| | Sur Emanuel Zammit | Kunsillier |
| | Sur Godwin Catania | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

**MINUTI**

Kien hemm *quorum* biex tibda s-seduta u s-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippresieda l-laqgħa.

**68.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI** (Skont l-Ordni Permanenti 14A (3)

68.1.1 Ma kienx hemm.

**68.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI.**

68.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (67) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

68.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D. Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Bernice Farrugia, Emanuel Zammit, Godwin Catania

## 68.3 BIEX JIKKUNSIDRA KULL ĦAĠA LI TOĦROĠ MILL-MINUTI PREĊEDENTI U BIEX JIDDISPONI X-XOGĦOL, JEKK IKUN HEMM, LI JKUN FADAL MIL-LAQGĦA TA' QABEL

68.3.1 Ma kienx hemm.

## 68.4 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

68.4.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien irċieva mingħand l-Uffiċċju tal-Ombudsman l-opinjoni finali dwar allegazzjonijiet ta' irwejjaħ tossiċi li qed jiġu rilaxxati minn impjant fl-Iklin. Is-Sindku ippreżenta r-rapport tal-Ombudsman fuq il-mejda tal-Kunsill u ikkonkluda li r-rapport jixħet ir-responsabbiltà kollha fuq l-Awtorità ERA fejn qed tiġi mitluba sabiex mill-aktar fis tħejji proposti lill-Onor. Ministru responsabbli mill-Ambjent sabiex isiru regolamenti speċifiċi dwar l-impjanti tal-asfalt u jiġu ppreżentati fi żmien raġjonevoli.

Is-Sindku Dott. Sciberras informa li kien qed jerġa jitlob laqgħa mall-Onor. Ministru Dott. Miriam Dalli biex naraw x'inhuma l-pjanijiet ta' azzjoni li ser jittieħdu min-naħa tal-Gvern dwar din il-kwistjoni u l-limitu ta' żmien.

68.4.2 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li wara li l-Kunsill kiteb formalment lill-Aġenzija Infrastructure Malta sabiex Triq Alfons Marija Galea tiġi nkluża fil-programm tax-xogħol, b'sodisfazzjon, it-talba ġiet milqugħa. Dan ifisser li l-lokalità tal-Iklin ser tkun qed tibbenifika minn titjib sostanzjali fl-infrastruttura tal-lokal b'toroq u bankini ġodda fi Triq Ġużè Pesci, Triq Mons. P.P. Saydon, Trejqet il-Poeti, Triq Alfons Maria Galea, Triq Stefano Erardi, Triq il-Klin, Triq il-Ħarruba u Triq il-Plejju. Ix-xogħlijiet mexjin b'ritmu tajjeb u jekk alla jrid ir-residenti jkunu jistgħu igawdu minn kwalità ta' ħajja aħjar f'dik li hija infrastruttura tal-lokal.

Is-Sindku Dott. Sciberras ikkonkluda li jinsab sodisfatt li l-proposti li ressaq il-Kunsill b'tant ħsieb u maturità matul din il-leġiżlatura ġew ikkunsidrati u approvati mill-Aġenzija Infrastructure Malta.

68.4.3 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li għaddejja kwistjoni oħra dwar ħsejjes (noise pollution) li ġejja mill-Iskola Middle School li tinsab fin-Naxxar però tmiss mal-Iklin.

L-iskola Maria Reġina College Middle School hija mgħammra jew aħjar attrezzata permezz ta' PA System u mall-ħin tal-ġurnata, l-Iskola tagħmel l-annunzji lill-istudenti b'mod li r-residenti li jirrisiedu fi Triq Giorgio Locano, Triq Carmelo Pace, Triq it-Timu, Triq Enrico Naudi Triq Fredrick Borg u toroq oħra fl-immedjat qed jilmentaw minħabba ħsejjes eċċessivi li ġejjin minn din l-iskola. Informa li l-Kunsill kien qed jindirizza din il-kwistjoni bl-assistenza tal-Community Police fejn ressqu l-każ għan-nom tal-Kunsill però mingħajr wisq riżultati. Kompla billi qal li ftit tal-jiem ilu, kellu intervista ma' Lovein Malta dwar din il-kwistjoni u semma li r-residenti milquta kienu ffirmaw petizzjoni dwar dan. Ikkonkluda li huwa mpenjat sabiex ikompli jsegwi l-iżviluppi bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet. Is-Sindku stqarr li huwa dritt li resident igawdi l-proprjetà tiegħu.

68.4.4 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Kunsill kien għamel distribuzzjoni lir-residenti li jirrisiedu fi Triq Ġużè Bonnici u t-toroq immedjati dwar tibdil propost fl-immaniġġjar tat-traffiku ta' dik iż-żona residenzjali. Informa li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kien ta l-approvazzjoni tiegħu għal titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku u ġew ippreżentati lir-residenti bħala konsultazzjoni magħhom qabel ma jiġi mplimentat it-titjib propost. Jirriżulta li fil-maġġor tagħhom qablu mat-titjib propost iżda kien hemm ukoll reazzjonijiet oħra li ġew diskussi mas-Sindku u mal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. B'riżultat ta' dan, huwa meħtieġ li l-Kunsill jerġa jitkellem ma' TM biex nippruvaw nameljoraw u nimmassimizzaw mill-ispazji pubbliċi li hemm. Dan minħabba d-diffikultajiet tal-parkeġġi li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar qed issir diffiċli. Jingħata aġġornament fis-seduta li jmiss tal-Kunsill.

68.4.5 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kienet approvat l-implimentazzjoni ta' Road Hump fi Triq l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca biex b'dan il-mod inkomplu nassiguraw is-saħħa u s-sigurtà fit-toroq tal-Iklin.

## 68.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI.

68.5.1 Ma kienx hemm.

## 68.6 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI.

68.6.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn it-2 ta' Jannar u t-3 ta' Frar 2024 kif jidher fid-dokument A u B.

**COMPLAINTS SHEET (2 January - 3 February 2024)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 02/01/2024 | Hemm ħafna gebel u xi affarijiet żgħar fuq il-bankina fi Triq il-Klin | settled | Triq il-Klin c/w Triq G Abos | **COUNCIL** |
| 2 | 02/01/2024 | Hemm ġrieden kbar fit-toroq Ċ Bugeja u Triq LF Mizzi, kif ukoll qed ikun hemm ħafna fid-daħla tas-sala | pending | Triq LF Mizzi | **Sanità** |
| 3 | 03/01/2024 | Hemm leakage tal-ilma mill-main 'il barra quddiem 36, Triq Ċensu Bugeja | settled | Triq Ċ Bugeja | **W.S.C** |
| 4 | 03/01/2024 | Il-kollettur tal-iskart qed jitqattawlu l-boroż tal-organic fi Triq il-Prinjol u qed iħalli kollox mal-art. Din qed tiġri ta' kull ġimgħa u jkollhom inaddfu r-residenti | closed - | Triq il-Prinjol | **Waste Collection** |
| 5 | 03/01/2024 | Fi Triq il-Ħarruba hekk arblu tad-dawl bil-cables miegħu li minn taħt qed jittaqqab kollu u hemm il-biża li jċedi | pending | Triq il-Ħarruba | **ENEMALTA** |
| 6 | 05/01/2024 | Triq Ġużè Bonnici ilha ħafna ma' titnaddaf | pending | Triq Ġużè Bonnici | **CLEANSING** |
| 7 | 09/01/2024 | Qed jisparkja d-dawl mal-faċċata ta' nru. 27 fi Triq Anton Buttigieg | closed | Triq Anton Buttigieg | **ENEMALTA** |
| 8 | 09/01/2024 | Fi Triq Ġużè Pesci quddiem id-dar nru. 18, hemm parti mill-bankina nieżel il-madum u ġiet ħofra. Barra li qegħda ta' periklu għax jistgħu jaqgħu n-nies, qed iżżomm l-ilma wkoll | pending | Triq Ġużè Pesci | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 9 | 09/01/2024 | Din ir-residenta qed tilmenta li qed jipparkjalha xi ħadt quddiem il-garaxx fi Triq Ċensu Busuttil. Kull darba jkollha ċċempel l-Għassa. Din il-persuna għandha garaxx u flok jipparkja quddiemu jipparkja quddiem garaxx ta' ħaddiehor | pending | Triq Ċensu Busuttil | **COMMUNITY POLICE** |
| 10 | 11/01/2024 | Bozza mitfija mall-ħajt ta 33, Triq A Buttigieg | Settled | Triq Anton Buttigieg | **CONTRACTOR** |
| 11 | 12/01/2024 | Hemm it-*traffic lights* tal-bypass ta' quddiem l-ex Vodafone mhux jixgħelu | settled | Triq Dun Karm | **TM** |
| 12 | 12/01/2024 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu fi Triq San Mikiel c/w Triq Stefano Erardi | pending | Triq San Mikiel c/w riq S Erardi | **ENEMALTA** |
| 13 | 12/01/2024 | Hemm bozza tixgħel u titfi mar-residenza 19, Triq GM Azzopardi | Settled | Triq GM Azzopardi | **Contractor** |
| 14 | 16/01/2024 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu fi Triq il-Ħarruba | pending | 45 Triq il-Ħarruba | **ENEMALTA** |
| 15 | 16/01/2024 | Hemm bozza maqtugħa fuq arblu fi Triq in-Naxxar | pending | Triq in-Naxxar | **ENEMALTA** |
| 16 | 16/01/2024 | Bozza mitfija mall-ħajt ta' 18, Triq A Buttigieg | pending | Triq Anton Buttigieg | **Contractor** |
| 17 | 16/01/2024 | Ġurdien mejjet fi Triq Ċ Bugeja | settled | Triq Ċ Bugeja | **CLEANSING** |
| 18 | 18/01/2024 | Tabella tal-one-way qeda tinqala' minn quddiem stabbiliment tan-negozju li hemm fil-kantuniera ma Triq Ġ. Abos | settled | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 19 | 22/1/2024 | Bozza mitfija fuq arblu Triq A Buttigieg c/w Triq Ċ Busuttil | pending | Triq Anton Buttigieg c/w Triq C Busuttil | **ENEMALTA** |
| 20 | 22/01/2024 | Bozoz mitfijin ta Triq Ġ Abos u il madwar | settled | Triq Ġ Abos..... | **ENEMALTA** |
| 21 | 24/01/2024 | Talba għal traffic mirror fi Triq G E Mercer, pjanta annessa | pending | Triq Ġ E Mercer | **COUNCIL** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 22 | 24/01/2024 | Talba biex Traffic Lights li hemm fi Triq Dun Karm qrib Ġ Bonnici issir ukoll fis-service road biex ma jgħaddux sparati minn naħa ta' ġewwa, qabel ma jsir inċident. | pending | Triq Dun Karm | **COUNCIL** |
| 23 | 25/01/2024 | Ilment dwar ħaxix ħiereġ minn ġo residenzi privati fi Triq il-Wied tant li jkollok tinżel mill-bankina, int u tiela fuq xellug | pending | Triq il-Wied | **COUNCIL** |
| 24 | 26/01/2024 | Talba biex issir sleeping policeman fi Triq Ġ E Mercer qabel toħroġ fi Triq Dun Karm | Pending | Triq G E Mercer | **COUNCIL** |
| 25 | 26/01/2024 | Talba biex isiru lines is-sofor mal-gnub tal-garaxx għaliex qed jipparkjawlha l-karozzi quddiem il-garaxx | settled | Triq Anton Buttigieg | **COUNCIL** |
| 26 | 27/01/2024 | Talba biex jinbidlu road markings fi Triq Ċ Bugeja (TM) | pending | Triq Ċensu Bugeja | **COUNCIL** |
| 27 | 31/01/2024 | Talba għal miżuri tat-traffiku fi Triq ES Inglott minħabba l-ispeed eċċessiv li jgħaddi minn din it-triq | pending | Triq ES Inglott | **COUNCIL** |
| 28 | 01/02/2024 | Talba biex jinqata ħaxix mill-parapetti fi Triq P P Saydon | pending | Triq P P Saydon | **Council** |
| 29 | 02/03/2024 | 2 bozoz fejn 45 Triq il-Ħarruba, waħda tteptep u l-oħra inklinata 'l fuq | pending | Triq Ħarruba | **ENEMALTA** |

## 68.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

68.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

68.7.2 Imbagħad is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Kunsillier Emanuel Zammit.

68.7.3 Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott. Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsillieri Bernice Caruana, Emanuel Zammit u Godwin Catania.

Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

1. Kwotazzjoni għal supply ta' Party Box għall-użu tal-Kunsill mingħand il-fornitur Scan Malta għall-prezz ta' Eur379.00 VAT inkluż; *nem con*

2. Kwotazzjoni għal xogħlijiet (metal Works) għal soft landscaping li hemm fi Triq l-Awrekarja u xogħlijiet (metal Works) fil-kamra tal-għodda (workshop) tal-Kunsill mingħand il-fornitur Chris Metal Works għall-prezz ta' Eur770.00 VAT inkluż; *nem con*

**68.8 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR**

68.8.1 Applikazzjoni PA 07795/23 – no. 82 Triq il-Klin, L-Iklin 'To sanction terraced house as-built.

68.8.2 Applikazzjoni PA 07643/23 –.54, Triq Stefano Erardi L-Iklin 'To sanction existing variations from RG/01698/20 and PA/02046/01 following detailed survey of property and to propose the removal of wall between the kitchen/ dining room and the front bedroom; modifications of a number of apertures; removal of tegole from the facade; converting the facade window to a door to create a french balcony and proposed security perforated metal grating over shaft in yard to avoid trespassing.

68.8.3 Applikazzjoni PA 00151/24 – 40, Triq Stefano Erardi Iklin 'To demolish the existing terraced house, to excavate a basement level and a reservoir underneath the basement. To propose the construction of a reservoir, a basement level, an elevated ground floor office, three levels of apartments from the first floor to the third-floor level, and a penthouse on the fourth-floor level'.

68.8.4 Applikazzjoni PA 00179/24 –64,66, 68 Triq Stefano Erardi Iklin 'Proposed internal alterations to basement level garage covered by PA6751/22 including change from 6 garages to 8 garages and minor internal alterations to overlying maisonettes, apartments, penthouses'.

**68.9 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-QUARTERLY FINANCIAL REPORT OTT-DIĊ 2023**

68.9.1 Is-Sindku Dott. Sciberras stieden lill-Accountant tal-Kunsill biex jippreżenta l-Quarterly Financial Report għall-perjodu ta' bejn Jannar u Diċembru 2023.

68.9.2 L-Accountant ta rendikont finanzjarju fejn beda biex ġie moqri l-Overview & Summary imbagħad għadda għall-qari tal-iStatement of Income and Expenditure, Statement of Financial Position, Cash Budget, Detailed Estimates of Income, Detailed Estimates of Expenditure, Detailed Estimates of Statement of Financial Position, u Detailed of Property, Plant and Equipment.

68.9.3 L-Accountant informa li l-Kunsill ser jispiċċa s-sena 2023 f'qagħda finanzjarja tajba kif jidher il-Financial Situation Indicator b'48%. L-Accountant ta spjegazzjoni dwar il-Profit & Loss fejn għal sena oħra qed juri li l-Kunsill qed jispiċċa b'defiċit ta' Eur(13,723).

68.9.4 Id-deprezzament laħħaq il-figura ta' Eur29,737.00.

68.9.5 Wara diskussjoni, is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet.

68.9.6 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidra u japprova l-Quarterly Financial Report.

68.9.7 Il-Kunsill approva *nem con.*

**(Ara dok. G)**

**68.10 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ESTIMI FINANZJARJI GĦAS-SENA 2024**

68.10.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2024 wara xogħol preparatorju li kien sar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

68.10.2 L-Accountant ippreżenta l-estimi finanzjarji għas-sena 2024. L-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2024 ser tlaħħaq Eur346,933.

68.10.2 Wara diskussjoni dwar l-estimi u l-proġetti ppjanati għas-sena kurrenti, is-Sindku Dott. Sciberras irrimarka li matul din il-leġiżlatura, il-Kunsill dejjem kien kawt fl-infieq u żamm mall-kunċett tal-prudenza fl-infieq ta' fondi għaliex kien osservat li kull darba li l-Kunsill japplika għal xi skema li joħroġ id-Direttorat, il-Kunsill ma kienx qed jieħu l-massimu tal-fondi u dak ikun ifisser li l-Kunsill irid jassorbi l-kumplament tal-ispiża. Tapplika għal proġett u meta tiġi biex tattwah, jinqalgħu spejjeż li ma tkunx inkludejthom fl-applikazzjoni.

Is-Sindku kompla billi qal li peress li din il-leġiżlatura tiġi fi tmiem tagħha f'Ġunju li ġej, il-Kunsill se jkun qed ikompli jaħdem biex jikkonkludi proġetti li kienu ppjanati fis-snin preċedenti li għadhom ma twettqux minħabba fatturi esterni fosthom il-ħruġ ta' permessi mill-entitajiet li sfortunatament jieħdu x-xhur jekk mhux is-snin biex il-Kunsill jottjeni l-permessi neċessarji.

68.10.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm aktar mistoqsijiet. Ma kienx hemm.

68.10.4 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidra u japprova l-estimi finanzjarji għas-sena 2024.

68.10.5 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 68.11 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS 2023

68.11.1 Is-Sindku Dott. Dorian Sciberras stieden lill-Accountant biex jippreżenta l-unaudited Financial Statements għas-sena 2023.

68.11.2 L-Accountant ippreżenta l-kontenut li fih dan ir-rapport għall-attenzjoni sħiħa tal-preżenti. Ġie moqri l-istatement of Local Council Members' and Executive Secretary's responsibilities, Statement of Financial Position, Statement of Comprehensive Income, Statement of changes in equity, Statement of Cash Flows & Notes to the Financial Statements.

L-Accountant spjega li għalkemm l-istatement of Comprehensive Income (Profit & Loss) jidher li l-Kunsill ser jispiċċa s-sena finanzjarja 2023 b'deficit ta' Eur(13,723). riżultat ta' numru ta' fatturi fosthom d-deprezzament *on property, plant and equipment* li kien jammonta għal Eur29,737.00.

L-Accountant ikkonkluda li meta wieħed iħares lejn il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill, jirriżulta li l-Financial Situation Indicator jibqa wieħed b'saħħtu u cioè 48%.

68.11.3 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras staqsa jekk kienx hemm mistoqsijiet.

68.11.4 Ma kienx hemm.

68.11.4 Imbagħad is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Emanuel Zammit biex jikkunsidraw u japprovaw l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2023.

68.11.5 Il-Kunsill approva nem con. L-istqarrijiet finanzjarji ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bid-data tas-6 ta' Frar 2024 u kien ser jintbagħat fl-immedjat biex ikun onorat deadline stabbilit fiċ-Ċirkolari li ħareġ id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

## 68.12 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI GĦAL KUNTRATT DIRETT F'KAŻ EĊĊEZZJONALI DWAR L-AKKWIST TAX-XIRI TA' ELECTRIC VAN

68.12.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li minkejja li l-Kunsill ħareġ sejħa pubblika tliet darbiet konsekuttivi għall-akkwist tax-xiri ta' *electric passenger van*, jirriżulta li ma kien hemm l-ebda offerent. Il-Kunsill jidhirlu li hemm raġuni eċċezzjonali biex imur dirett għal direct order ladarba l-ebda offerent ma pparteċipa għal din is-sejħa għal tliet darbiet konsekuttivi. Żied jgħid li hemm ukoll l-urġenza biex nonoraw il-ftehim li kien ġie iffirmat mad-Direttorat biex il-proġett jingħalaq sa Lulju li ġej. Minn stħarriġ li sar jidher li biex issir l-ordni għax-xiri, hemm perjodu ta' bejn 6 u 9 xhur minn meta ssir l-ordni. Għaldaqstant l-urġenza hija ta' prijorità għall-Kunsill.

68.12.2 Wara diskussjoni, is-Sindku ressaq mozzjoni ssekondata mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo biex il-Kunsill jikkunsidra u japprova x-xiri tal-electric passenger van permezz ta' kuntratt dirett u dan wara li l-Kunsill jottjeni l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli mill-qasam tal-Gvern Lokali.

68.12.3 Il-Kunsill approva *nem con*.

## 68.13 MOZZJONI BIEX IL-KUNSILL JAPPROVA L-KUMMISSJONI TAL-ISTATWA LIFE-SIZE FIL-ĠEBLA TAL-FRANKA

68.13.1 Is-Sindku Dott. Sciberras ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Bernice Caruana biex il-Kunsill japprova l-kummissjoni lill-iskultur Malti fuq il-kriterji kif jidher hawn taħt:

1. l-għażla ta' skultur Malti,
2. l-abbiltà artistika tiegħu fil-*medium* tal-ġebla Maltija.
3. *Opera d'arte* li trid tinħadem minn artist xprunat mill-ħsieb tal-kommittent f'dan il-każ il-Kunsill Lokali L-Iklin.
4. Din l-opra tal-arti ma ssibhiex fis-suq iżda trid tinħadem speċifikament għall-iskop li għandu l-Kunsill.
5. li ntagħżel dan l-artist huwa l-fatt li dan l-iskultur huwa iben il-lokalità ġarr tal-Iklin li jagħmlu l-kandidat ewlieni fl-għotja ta' din il-kummissjoni.

Is-Sindku kompla billi qal li sabiex inkomplu naħdmu fuq l-identità tal-lokalità tal-Iklin, proġett li kien ikkummissjunat mill-Kunsill u ġie varat matul din il-leġiżlatura 'Iklin Community Project' fejn sar studju xjentifiku mill-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Socjetà biex naraw x'teħtieġ il-komunità. Fid-dawl ta' dan l-istudju, jeħtieġ li issa l-Kunsill jimplimenta dak li hemm miktub fuq il-karta. F'dan il-każ, il-Kunsill jemmen fit-talent lokali u jeħtieġ isarraf kliemu f'atti. Dawn l-atti diġà rajnihom jitwettqu fl-aspetti soċjali, kulturali, u issa dawk artistiċi.

Kif tista torganizza festa jekk ma tkunx mistiedna l-banda tar-raħal. Kif tista ttella attività kulturali jew kunċert vokali jekk ma tippromwovix it-talent lokali?

68.13.2 Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu u fejn kien deċiż li nikkomunikaw id-deċiżjoni lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex il-Kunsill jottjeni l-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli mill-qasam tal-Gvern Lokali.

**(ara dok.)**

## 68.14 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

68.14.1 Il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo infurmat li l-Ħadd 18 ta' Frar 2024 bejn il-1100hrs u 1200hrs fis-Sala tal-Kunsill se tittella attività bit-tema 'Grand Grooves' fejn qed jiġu mistiedna n-nanniet flimkien man-neputijiet. Din l-attività hija serje minn numru ta' attivitajiet li qed jiġu organizzati mill-Kunsill Reġjonali Lvant peress li s-sena 2024, il-Kunsill Reġjonali Lvant ġie magħżul bħala r-Reġjun tal-Kultura. Il-Viċi ħeġġet lill-Kunsillieri biex nippromowvu din l-attività mall-komunità tal-Iklin. Ikkonkludiet sabiex din l-event tiġi ppubbliċizzata fuq il-fb tal-Kunsill u mezzi oħra soċjali.

68.14.2 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu 2024 fil-5.30 p.m.

68.14.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar it-Tlieta, 5 ta' Marzu 2024 fil-5.30 p.m.

68.14.4 Is-seduta ġiet fi tmiem tagħha fis-7.15 p.m.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv